

Brussell, 9 ta' April 2026  
(OR. en)

8101/26  
ADD 1

EF 105  
ECOFIN 447  
DELECT 69

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' April 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion:	C(2026) 2152 annex
Suġġett:	ANNESSI tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522 fir- rigward tal-permess għan-negozjar matul perjodi magħluqa, il-lista ta' ċentri tan-negozjar deżinjati li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq, u l-indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 2152 annex.

Mehmuż: C(2026) 2152 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.4.2026  
C(2026) 2152 final

ANNEXES 1 to 2

## ANNESI

tar-

### **REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/522 fir-rigward tal-permess għan-negozjar matul perjodi magħluqa, il-lista ta' ċentri tan-negozjar deżinjati li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-superviżjoni tal-abbuż tas-suq, u l-indikaturi ta' manipulazzjoni tas-suq**

## ANNEX I

L-Anness II tar-Regolament Delegat (UE) 2016/522 huwa emendat kif ġej:

(1) it-Taqsima 1 hija emendata kif ġej:

(a) jiddaħħal il-punt 1a li ġej:

“1a. Meta jivvalutaw jekk l-ordnijiet għan-negożjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa jirrappreżentawx proporzjon sinifikanti tal-volum ta’ ordnijiet jew tranżazzjonijiet għall-finijiet tal-Indikatur A(a) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-parteciċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw perjodu ta’ żmien li jkun itwal jew iqsar minn jum jew sessjoni ta’ negożjar. Barra minn hekk, meta japplikaw l-Indikatur A(a) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-parteciċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw ukoll ordnijiet għan-negożjar jew tranżazzjonijiet li jwasslu għal bidla sinifikanti fil-volum ta’ strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet.”;

(b) jiddaħħal il-punt 2a li ġej:

“2a. Pożizzjoni ta’ xiri sinifikanti kif imsemmi fl-Indikatur A(b) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tista’ tinkludi kemm pożizzjonijiet diġà meħuda kif ukoll pożizzjoni potenzjali permezz ta’ ordnijiet pendenti kurrenti. Għall-finijiet tal-Indikatur A(b) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-parteciċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jqisu wkoll l-ordnijiet għan-negożjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa minn persuni li ma għandhomx pożizzjoni sinifikanti ta’ xiri jew bejgħ iżda li għandhom interess sinifikanti jew skopertura għal bidla fil-prezz ta’ strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet, inkluż permezz ta’ appelli għall-marġni jew patti ta’ dejn.”;

(c) jiddaħħal il-punt 4a li ġej:

“4a. It-treġġiġh lura tal-pożizzjoni msemmi fl-Indikatur A(d) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jinkludi attivitajiet li jirriżultaw f’bidliet attwali jew potenzjali fil-volumi nozzjonali jew f’riskji finanzjarji fl-istrument rilevanti jew f’sett ta’ strumenti marbuta mill-qrib, jiġifieri strumenti li l-prezz tagħhom jiddependi jew għandu impatt fuq strumenti oħra f’dak is-sett. Meta jivvalutaw jekk l-ordnijiet għan-negożjar mogħtija jew it-tranżazzjonijiet imwettqa jirrappreżentawx proporzjon sinifikanti tal-volum ta’ ordnijiet jew tranżazzjonijiet għall-finijiet tal-Indikatur A(d) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-parteciċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw perjodu ta’ żmien li jkun itwal jew iqsar minn jum jew sessjoni ta’ negożjar. Barra minn hekk, meta japplikaw l-Indikatur A(d) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014, il-parteciċipanti fis-suq u l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jikkunsidraw ukoll ordnijiet għan-negożjar jew tranżazzjonijiet li jwasslu għal bidla sinifikanti fil-volum ta’ strument finanzjarju, kuntratt spot relatat tal-komoditajiet, jew prodott irkantat ibbażat fuq kwoti tal-emissjonijiet.”;

(d) fil-punt 5, il-punt (e) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(e) Is-sottomissjoni ta’ diversi ordnijiet jew ordnijiet għan-negożjar kbar, li spiss ma jidhrux f’naħa waħda tar-reġistru tal-ordnijiet biex jiġi eżegwit negożju fuq in-naħa l-oħra tar-reġistru tal-ordnijiet. Ladarba jkun seħħ negożju, l-ordnijiet mingħajr l-ebda intenzjoni li jiġu eżegwiti għandhom jitneħħew; dan normalment jissejjaħ ‘layering and spoofing’. Dik il-prattika tista’ tiġi osservata wkoll abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-Punt 4(f);”;

(e) jiddaħħal il-punt 5a li ġej:

“5a. Il-perjodu ta’ żmien imsemmi fl-Indikatur A(e) tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 jista’ jvarja skont il-likwidità u l-karatteristiċi tas-suq tal-istrumenti finanzjarji. Għall-applikazzjoni ta’ dak l-Indikatur, treġġigħ lura tal-bidla fil-prezz jista’ jkun sħiħ jew parzjali.”;

(f) fil-punt 6(a), il-punt (ii) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(ii) l-indikatur stabbilit fil-Punt 4(f) ta’ din it-Taqsima.”;

(g) il-punt 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“8. Il-prattika stabbilita fil-Punt 2(c) ta’ din it-Taqsima u msemmija wkoll fil-Punti 5(b), 6(e) u 7(d) ta’ din it-Taqsima hija rilevanti fil-kuntest tal-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 dwar manipulazzjoni bejn postijiet differenti.”;

(h) jiżdied il-punt 10 li ġej:

“10. L-indikaturi elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 u l-prattiki elenkati f’dan l-Anness jistgħu jiġu vvalutati u kkalkulati wkoll fuq perjodu ta’ żmien itwal jew iqsar minn jum jew sessjoni ta’ negożjar. Dan huwa partikolarment rilevanti meta jiġu vvalutati każijiet ta’ manipulazzjoni tas-suq fi strumenti finanzjarji inqas likwidi u fil-kuntest ta’ negożjar algoritmiku.”;

(2) fit-Taqsima 2, il-punt 2, il-punti (b) u (c) għandhom jinbidlu b’dan li ġej:

“(b) Il-prattika stabbilita fil-Punt 4(c) tat-Taqsima 1 normalment magħrufa bħala ‘pump and dump’, li tista’ tintwera wkoll mill-indikatur stabbilit fil-Punt 2(a) ta’ din it-Taqsima.

(c) Il-prattika stabbilita fil-Punt 4(d) tat-Taqsima 1 normalment magħrufa bħala ‘trash and cash’, li tista’ tintwera wkoll mill-indikatur stabbilit fil-Punt 2(a) ta’ din it-Taqsima.”.

**ANNEX II**

**“ANNEX III**

**Ċentri tan-negozjar li għandhom dimensjoni transfruntiera sinifikanti fis-supervizzjoni tal-abbuż tas-suq fir-rigward tal-ishma**

Isem l-entità	Kodiċi tal-Identifikazzjoni tas-Suq Operattiv
<b>AQUIS EXCHANGE EUROPE</b>	AQEU
<b>TP ICAP (EUROPE) SA</b>	TPIC
<b>CBOE EUROPE B.V.</b>	CCXE
<b>TURQUOISE GLOBAL HOLDINGS EUROPE BV</b>	TQEX

”.